MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 99/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Emanuel Ancilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il-gzejjer fis-27 ta' Dicembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel ta, jew ftiehem li jaghti jew joffri jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil xi players ta' St. Georges' Football Club, biex ihajjruhom jaghmlu jew bi tpattija talli jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu, jew talli wara li jkun beda jsehh l-att dwar il-prevenzjoni ta' xiri ta' players, ikunu ghamlu jew naqsu milli jaghmlu xi haga li jekk issir jew jonqsu milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu tmintax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gew sospizi ghal perjodu ta' tlett snin u multa ta' elfejn Euro (€2000) li ghandha tithallas fi zmien sena.
Il-qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju r-responsabbilita' tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti kif komposta qatt ma jmissha kienet hi li ddecidiet dan il-kaz u dana peress li b'kull rispett l-appellant ftit kellu fiducja fil-Qorti kif komposta w anke peress li l-gustizzja trid mhux biss issir izda trid anke tidher li qed issir. Illi sabiex jigi aktar spjegat jinghad li l-Magistrat Dr. Doreen Clarke kienet il-gudikant li ddecidiet il-kawzi fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Lawrence Mizzi" u "Il-Pulizija vs Andrea Gatt" u cioe' z-zewg xhieda li xehdu biex jinkriminaw lill-appellant. Illi l-incident li gie deciz kien proprju l-istess incident li gie akkuzat bih l-appellant. Illi mhux biss izda l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ta' dawn iz-zewg persuni, liema sentenza nghatat qabel ma tressaq l-appellant b'dawn il-proceduri, ghamlet anke konsiderazzjonijiet u spjegat kemm fl-opinjoni tal-Qorti kien serju dan il-kaz u li kien kaz li jimmerita piena harxa ghaliex baghat messagg hazin lil football Malti. Illi kien proprju ghalhekk li wara l-presentata b'arrest, kif appena l-kumpilazzjoni giet assenjata lill-Magistrat imsemmija, l-

appellant immedjatament intavola rikors b'kopji tas-sentenzi gia decizi mehmuza fejn talab li l-Magistrat sedenti kellha tirrikuza ruhha peress li gia kienet espremiet ruhha bl-aktar mod lampanti u grossolan fuq dan il-kaz. Illi sfortunatament talba hekk gustifikata giet michuda w l-process kompla jinstema quddiem minn gia kien deciz fuq dan l-incident. Illi jsegwi ghalhekk b'kull rispett li tali process issa f'dan l-istadju ghandu jigi annullat, u l-atti jergghu jigu mibghuta quddiem l-Ewwel Qorti diversament preseduta, sabiex l-appellant ikollu smiegh xieraq minn gudikant li qatt ma qabel pronunzja ruhu dwar dan il-kaz;

2. Illi minghajr pregudizzju, l-Ewwel Qorti f'dan il-kaz ghamlet apprezzament zbaljat tax-xhieda. Issa l-appellant huwa konsapevoli li l-Qorti tal-Appell ftit li xejn tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti u sa certu punt dan jista' jinftiehem peress li l-Ewwel Qorti tkun semghet ix-xhieda hija. Pero' jinghad li meta tali apprezzament ikun b'mod grossolan skorrett dina l-Qorti mbaghad ghandha l-obbligu li tara li tirrevedi hija dak l-izball li jkun sar u ghalhekk jerga' jsir ezami ta' dak kollu li jkun intqal mix-xhieda. Illi ghalhekk mhux l-ewwel darba li wiehed jara appelli tal-prosekuzzjoni u anke tad-difiza li jigu milqugha meta jkun hemm aggravji dwar apprezzament skorrett ta' xhieda minn l-Ewwel Qorti.

Illi dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet u l-appellant mhux ser inizzel f'dan l-aggravju dak kollu li deher waqt il-kawza ossia li Lawrence Mizzi ma kienx qed jghid il-verita' dwar li kien l-appellant li avvicinah biex jixtri l-players. Illi l-appellant dejjem minn l-ewwel stadju tal-investigazzjoni cahad li huwa qatt kien involut f'dan l-allegat tixhim. Illi mhux biss izda l-appellant sahansitra ta r-raguni ghaliex Lawrence Mizzi beda jsemmi lilu bhala li kien il-persuna li avvicina l-players biex jinxtraw. Illi l-appellant huwa ragel serju li dejjem habb il-futball u mezz il-quddiem il-club tieghu. Illi kien huwa stess li xahar qabel l-incident (u hawn b'kull rispett huwa r-relevanti jekk it-tilwima fil-bar ma' Mizzi sehhietx gimgha qabel il-loghba jew xahar qabel kif donnu tat x'wiehed x'jifhem l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha) talab lill-kumitat li jittiehdu proceduri kontra Lawrence Mizzi, tilwima li mbaghad spiccat bil-mod kif

spjega l-appellant fix-xhieda tieghu. Illi ghalhekk jinghad b'kull rispett li f'dan il-kaz kien hemm altru milli dubju ragonevoli u l-appellant, sia bil- komportament tieghu u anke bil-konsistenza fil-verzjonijiet moghtija certament li kien jimmerita li jiggwadanja aktar affidibilita' f'dak li huwa spjega u qal. Illi l- appellant jirritjeni li l-Ewwel Qorti, li kif inghad kien gia deciza a priori, ghamlet l-oppost li kellu jsir, ossia minflok ma lliberat lill-appellant minhabba kunflitt car ta' prova, iddikjara li kien jezisti kunflitt ta' prova mbaghad imbarkat fuq ezercizzju biex tislet ragunijiet mhux wisq b'sahhithom biex issib htija kontra l- appellant. Illi certament dan huwa ezercizzju skorrett u li b'kull rispett dak li kellu jsir kien li ssir gustizzja mal-appellant u li huwa jigi lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu ghaliex verament huwa ma kienx il-persuna involuta f'dan l-allegat tixhim.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza hija rizultat ta' investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija wara allegazzjoni ta' xiri ta' "players" f'lobgha li saret fis-27 ta' Dicembru 2008 fil-ground tal-Hiberians bejn Vittoriosa Stars u St. George's F.C, liema lobgha intrebhet mill-Vittoriosa Stars bil-puntegg ta' tlieta bi tnejn.

Jirrizulta mill-atti illi d-difiza mhijiex qeghda tikkontesta l-fatt illi l-lobgha giet mixtrija, lanqas illi l-"players" tas-St. George's F.C. gew avvicinati biex jaghmlu xi haga li hija kontra l-interess tal-club taghhom, qeghda targumenta pero` illi ma kienx l-appellant illi ghamel l-ewwel proposti lil Lawrence Mizzi sabiex dan ta' l-ahhar javvicina "players" ohra.

Id-difiza qeghda tghid illi ma rrizultax minghajr dubju dettat mir-raguni illi kien l-appellant illi ghamel il-proposta ghax-xiri tal-"players" u li Lawrence Mizzi kien qieghed juza din il-kawza biex ipattiha lill-appellant ghall-incident li kellhom fl-1 ta' Novembru 2008 fil-bar tal-club tal-football.

Irrizulta illi Lawrence Mizzi, fuq istruzzjonijiet tal-appellant avvicina zewg "players" ohra Andrea Gatt u Edward

Degabriele illi offrilhom elf Ewro kull wiehed sabiex ibieghu l-lobgha. Dan il-kaz hareg fil-berah ghaliex Edward Degabriele informa lil Kumitat tal-club tieghu ftit qabel il-lobgha b'dak illi kien qed jigri.

Ikkunsidrat :

Ghal dawk illi huma aspetti legali jidher illi ma hemmx kontestazzjoni.

Kif tajjeb indikat l-Ewwel Qorti r-reat kontemplat fl-artikolu 3 (tlieta) tal-Kap. 263 jissusisti bis-semplici proposta ta' tali ftehim. Immaterjalment mill-accettazjoni jew jekk il-ftehim giex imwettaq jew le. Il-proposta hija bizzejjed sabiex jiskattaw is-sanzjonijiet tal-ligi kif kontemplati fl-artikolu fuq imsemmi.

Ghalhekk kull ma jrid jigi pruvat hu li l-appellant avvicina lil Lawrence Mizzi bil-proposta sabiex dan ta' l-ahhar javvicina lil haddiehor u jbieghu l-lobgha in kwistjoni. Ma hemmx ghal fejn jigi pruvat illi Lawrence Mizzi accetta din il-proposta jew inkella illi r-rizultat tal-lobgha kien jirrifletti l-proposta illi kien ghamel l-appellant.

Fuq dawn il-provi d-difiza qeghda tghid illi jezisti kunflitt serju peress li l-verzjonijiet mghotija mill-appellant u minn Lawrence Mizzi huma djamatrikalment opposti u l-Qorti ma setghetx fuq dan il-kunflitt tasal ghall-konkluzzjoni illi l-provi waslu ghal reat minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat :

Kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata.

Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Thorne" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 *"........mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-*

*konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix se temmnu jew ma temmnux."* (Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et" [ 19-10-2006]).

L-Ewwel Qorti li quddiemha xehdu l-protagonisti kollha ta' din il-kawza ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-verzjoni mghotija minn Lawrence Mizzi hija aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant u ddikjarat illi l-imputat uza l-incident tal-1 ta' Novembru 2008 bejnu u bejn Mizzi sabiex jipprova jattakka l-kredibilita` ta' Mizzi, liema kredibilita` l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha torbot fuqha w iddikjarata bhala wahda verosimili.

Issa kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tieghu, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" 28 ta' April, 1995 *"........fi kliem iehor, l-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tirrimpjazjax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha".*

Forsi hawnhekk huwa opportun li jigi ripurtat dak li qal Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "R vs Cooper" (1969) in konnessjoni mal-artikolu tal-Ligi Ingliza S.2(1)(a) tal-(Criminal Appeal Act 1968) *"....... assuming that there is no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcripts of the proceedings – leave the Court with a lirking doubt*

*as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”*

Dan ifisser kwindi illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni.

Din il-Qorti wara li ghamlet l-apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti m’ghandhix dak “lirking doubt as to whether an injustice may have been done “.

L-Ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex kellha temmen il-verzjoni ta’ Lawrence Mizzi u mhux dik ta’ l-appellant u kif l-incident ta’ bejniethom tal-1 ta’ Novembru 2008 gie uzat bhala skuza u ma kellu x’jaqsam xejn mal-agir ta’ Lawrence Mizzi.

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi l-Ewwel Qorti fl-apprezzament taghha vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat ghax kienet sodisfatta, kif del resto hija sodisfatta din il-Qorti wkoll, li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova fi grad li trid il-Ligi illi l-appellant kellu jwiegeb ghall-akkuzi illi gew addebitati lilu.

Ghalhekk il-funzjoni ta’ din il-Qorti issa huwa li tirrispetta d-deskrizzjoni ta’ l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma hemmx xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li fil-fatt tkun inghatat (“Repubblika vs David Vella” 14-06-1999, “Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24-04-2003 u ohrajn).

Irrizulta li l-piena inflitta ta’ tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin u l-multa ta’ elfejn Ewro huma fil-

parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz li dawn jigu disturbati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------